MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 66/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nicholas Pillow**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva fuq talba tal-Employment and Training Corporation kontra l-imsemmi Nicholas Pillow, detentur tal-karta ta' l-Identita` bin-numru 24360(M), talli fl-14 ta' Novembru 2009 u qabel din id-data, f'Lulu Ltd. ta' 31, Triq il-Knisja, San Giljan, fil-kapacita` tiegħu bħala direttur tas-socjeta` Lulu Ltd. naqas li javża lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ li ħaddem miegħu lil Caroline Pillow u lil Claire Michelle Peach ta' nazzjonalita` barranija;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-31 ta’ Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 3(a), 4 u 10 tal-Avviż Legali 110/93, sabet lill-imsemmi Nicholas Pillow ħati ta’ l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, limitatament in kwantu jirrigwarda l-impieg ta’ Clare Michelle Peach, u kkundannatu multa ta’ elf mija u għoxrin euro (€1,120);

**3.** Rat ir-rikors ta’ l-imsemmi Nicholas Pillow ippreżentat fid-9 ta’ Frar 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu mhux ħati ta’ l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu in kwantu jirrigwarda lil Caroline Pillow, tħassar u tannulla s-sentenza f’dik il-parti fejn sabitu ħati ta’ l-imputazzjoni miġjuba kontrih a rigward ta’ l-impjieg ta’ Clare Michelle Peach u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant Nicholas Pillow huwa fis-sens illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi li jwasslu għall-konvinċiment morali dwar il-htija ta’ l-appellant u l-ewwel Qorti ddecidiet a bazi ta’ indizji ċirkostanzjali ekwivoċi u/jew provi inammissibli.

**6.** Mill-provi dokumentarji u mix-xhieda li semgħet din il-Qorti, kif ukoll minn dak li huwa ammess mill-appellant, jirriżulta illi fl-14 ta’ Novembru 2009 l-appellant kien direttur tas-soċjeta` Lulu Ltd. Dakinhar saret spezzjoni minn spetturi ta’ l-ETC fl-istabbiliment ta’ din is-soċjeta` ġewwa San Ġwann. Fil-kċina kien hemm ċerta Clare Michelle Peach liebsa ta’ *chef*. Is-soċjeta` Lulu Ltd. kienet applikat għall-ħruġ ta’ permess tax-xogħol għall-imsemmija Peach fit-2 ta’ Novembru 2009, liema permess inħareġ fil-25 ta’ Jannar 2010. Jiġifieri fid-data ta’ l-ispezzjoni l-permess kien għadu ma nħariġx.

**7.** L-imsemmija Clare Michelle Peach ma ġietx prodotta bħala xhud. Kellimha l-ispettur Matthew Paris li wkoll ma ġiex prodott bħala xhud. Xehed Louis Buhagiar, wieħed mill-ispetturi, li qal li kien ma' Matthew Paris meta dan kellimha u din qaltilhom li kienet "on training basis". Filwaqt illi tkun *"on training"* mhuwiex l-istess bħal li tkun qed taħdem bi prova, x'setgħet qaltilhom Clare Michelle Peach jista' jittieħed biss bħala prova li ntqal id-diskors iżda mhux bħala prova tal-fatti. Quddiem din il-Qorti Louis Buhagiar l-ewwel qal illi kienet qed tipprepara l-ikel imbagħad skuża ruħu u qal illi fil-fatt ma setax jgħid kinitx qed tipprepara l-ikel.

**8.** Issa, skond ir-regolamenti 3 u 4 ta' l-Avviz Legali 110/1993, kull persuna li timpjega lil xi persuna ohra *whole-time*, *part-time* jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova (fit-test Ingliż *"on probation"*), ghandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b'dak l-impieg mhux aktar tard mill-gurnata li fiha jibda l-impieg permezz tal-formola ta' ingagg relattiva specifikata fl-Ewwel Skeda tar-regolamenti.

**9.** Mill-provi prodotti, għalkemm jirriżulta li Clare Michelle Peach instabet fil-kċina liebsa ta' *chef*, ma saritx il-prova li kienet qed taħdem meta marru l-ispetturi. Effettivament l-istat tal-provi huwa tali li ma jistax jingħad illi l-preżenza biss tagħha tikkostitwixxi prova ċirkostanzjali univoka, u dan għax m'hemm l-ebda prova li kienet tinsab hemm bħala impjegata *whole-time* jew *part-time* jew li kienet *on probation* kif trid il-liġi.

**10.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sebastian Zammit** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Diċembru 2007 intqal:

**"Peress illi minn din ix-xhieda ma ġie stabbilit assolutament b'ebda mod li l-*employer* ta' Shone Agius kien l-appellant, sia fil-kapaċita` tiegħu personali w sia bħala direttur jew uffiċjal ta' xi kumpannija w, <u>jekk stess l-istess Shone Agius u Anthony Falzon li kienu qed jaħdmu fil-forn, taw xi informazzjoni lill-Ispetturi tal-ETC, din mhux</u>**

**ammissibbli bħala prova għax tikkostitwixxi *hearsay evidence* u tali informazzjoni kellha tingħata minnhom *viva voce* quddiem il-Qorti - ħaġa li ma saritx għax ebda wieħed minn dawn iż-żewġ persuni ma ġie nġunt bhala xhud f'din il-kawża, l-akkuża manifestament ma tirriżultax pruvata u għalhekk jidher li l-aggravji kollha tal-appellant huma ben fondati w għandhom jiġu milqugħa"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**11.** Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-appell jimmerita akkoljiment.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Nicholas Pillow ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu limitatament in kwantu jirrigwarda l-impieg ta' Clare Michelle Peach, u kkundannatu multa ta' elf mija u għoxrin euro (€1,120), tiddikjarah mhux ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu in kwantu jirrigwarda l-impieg ta' Clare Michelle Peach u minflok tilliberah minn tali imputazzjoni in kwantu jirrigwarda l-imsemmija Clare Michelle Peach u minn kull piena, u tikkonfermaha fil-bqija (ċioe` in kwantu ma nstabx ħati ta' l-imputazzjoni dedotta in kwantu tirrigwarda lil Caroline Pillow).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------